# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 298/2015**

Il-Pulizija

vs

**Aphron Agius**

iben Joseph, imwieled Pieta', fit-23 ta' Jannar, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 150375(M)

Illum, 26 ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Aphron Agius quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009) u matul l-ahhar tnax-il xahar, ta' qabel din id-data:

**1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga imsemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament numru 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat gie kommess fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh**

**jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricettta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u liema reat gie kommess fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti fil-waqt li sabet lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u lliberatu minnha, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih, u kkundannatu ghal piena ta' tlett snin u nofs prigunerija effettivi u multa ta' tlett elef Euro (€3,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw

ghas-somma ta' elfejn u seba' u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€2097.85), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti ordnat li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant Aphron Agius minnu pprezentat fit-8 ta' Gunju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata u filwaqt illi TIKKONFERMAHA fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni u lliberatu minnha, TIRREVOKAHA f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u dan billi filwaqt li tiddikjarah mhux hati ta' pussess aggravat u konsegwentement tilliberah minnha, issib illi tali pussess kien intiz biss ghal uzu esklussiv tieghu; jew alternattivament TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

> Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiema u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta'dan l-appell.
>
> Illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-pussess aggravat tad-droga erojina f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu bl-aggravanti tad-distanza. Illi jigi rilevat illi rigward l-aggravju tad-distanza d-difiza nhar id-dsatax (19) ta' Gunju 2009 vverbalizzat illi minghajr pregudizzju ghall-htija o meno tal-imputat, iddikjarat illi taqbel li r-residenza tal-imputat hija inqas minn mitt metru boghod minn skola u li ghalhekk ma hemmx ghalfejn jinhatar perit sabiex ikejjel

id-distanza u ghalhekk id-difiza kienet iddikjarat illi f'kaz ta' sejbien ta' htija r-reat ikun sehh gewwa distanza ta' mitt metru.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi d-droga misjuba fil-pussess tal-appellant kienet intiza ghall-uzu personali u esklussiv tieghu u ma tirrizulta ebda cirkostanza li turi fil-grad rikjest mil-ligi illi d-droga misjuba ma kinitx ghall-uzu personali u esklussiv tieghu. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-fatt illi l-ammont ta' droga misjub fuq il-persuna tal-appellant kien wiehed sostanzjali stante illi fuq il-persuna tal-appellant instab l-ammont ta' 9.44 grammi erojina b'purita' medja ta' circa 43.5%. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-ammont ta' droga misjub fuq il-persuna tal-appellant ma kienx wiehed sostanzjali u tali ammont ma jistax jigi kkunsidrat bhala wiehed li jaqa' barra l-parametri ta' uzu personali u esklussiv tenut kont anke tal-fatt illi l-appellant kien persuna li jabbuza sew mid-droga. Nonostante cio kif ritenut diversi drabi mill-Qrati Maltin ghalkemm ammont ta' droga misjuba fuq il-persuna ta' bniedem jista' jindika l-intenzjoni ta' spacc, l-ammont ta' droga wahdu per se mhuwiex spacc u ghaldaqstant sabiex jirrafigura l-element intenzjonali ta' spacc jinhtiegu cirkostanzi li lkoll flimkien jindikaw lill hin minn kull dubju dettatt mir-raguni illi dak l-ammont ta' droga kien se jkun traffikat mill-akkuzat u ma kienx intiz ghall-uzu esklussiv tieghu. Ssir referenza ghall-kawza in **Il-Pulizija v. Carmel Spiteri**, deciza fit-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena 1999, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi:

*"Huwa veru, kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha, li meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa l-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Fil-kaz in dizamina, pero, din il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, u cioe' li l-pussess in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant."*

F'dan il-kuntest, l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Norbert Schembri, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Dicembru, 2005, fejn gie ritenut illi minkejja illi persuna jinstab fil-pussess ta' ammont sostanzjali ta' droga, dan wahdu mhux prova konklussiva ghal spacc, nonostante 'l fatt illi r-riskju illi l-istess persuna tithajjar illi tibda tispacca huwa kbir. Ghaldaqstant, il-Qorti kkonkludiet illi suspettuzi kemm huma suspettuzi c-cirkostanzi li fihom persuna tinstab fil-pussess tad-droga, dan xorta mhux konklussiv ghar-reat ta' pussess aggravat.

Fil-kawza fl-ismijet il-Pulizija vs Brian Caruana, deciza mill Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Mejju, 2002, il-Qorti, rreteniet illi:

*...kull kaz hu differenti minn l-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu l-gudikant ghall-konkluzzjoni li d-droga misjuba ma tkunx ghal l-uzu esklussiv ta' l-akkuzat, fl-ahhar*

*minn l-ahhar hija wahda illi jrid jaghmiela l-gudikant, fuq il-fatti specji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi 'hard and fast rule' ta x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi minn l-assjem tal-provi u minn l-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant...*

Illin inoltre, l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-fatt illi d-droga instabet f'boroz. Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul** irriteniet illi l-mod kif tkun mqassma d-droga **ghalkemm tista' tindika l-intenzjoni tal-akkuzat**, it-tqassim ta' droga fi qratas ma jikkostitwix awtomatikament ghal traffikar. Fi kliem iehor il-preparazzjoni tad-droga mhuwiex l-istess ghad-distribuzzjoni tal-istess droga. Dan ghaliex il-preparazzjoni u t-tqassim ta' droga tista' tkun maghmula mill-persuna ghalih innifsu sabiex jevita xi *overdose.*

llli inoltre jigi rilevat wkoll illi fir-residenza tal-appellant instabu diversi oggetti u affarijiet illi jindikaw b'mod inekwivoku illi l-appellant kien jabbuza mid-droga u li kellu problema kbira ta' droga. Fir-residenza tal-appellant instab mizien elettroniku illi jindika b'mod car mhux biss illi l-appellant kien jabbuza mid-droga izda wkoll l-appellant kien qed juza' tali mizien sabiex jikkontrolla kemm kien qed jiehu droga halli jkun jista' jaqsam id-droga f'dozi zghar sabiex jevita xi *overdose.*

Illi aggravju iehor tal-appellant huwa bbazat fuq il-piena erogata kontra tieghu fejn l-appellant qed jilmenta illi l-piena erogata minn l-ewwel Qorti u **<u>cioe dik ta' tlett (3) snin u nofs prigunerija effettiva u multa ta' tlett elef ewro (€3000),</u>** hija wahda sproporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi. Illi fl-umli fehma ta' l-esponent l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

> Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li filmaggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi

huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq ittajba.

Illi inoltre ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Terry Graham, datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn allavolja l-Qorti sabet htija tal-appellant ghall-akkuza ta' traffikar irriteniet:

Illi l-fedina penali tal-appellant tindika li l-ahhar darba li hu gie misjub hati f'dawn il-Qrati kien fl-10 ta' Ottubru, 2005 fuq incident, dwar il-pussess ta' droga, li jmur lura ghall-20 ta' April, 2000. Ovjament, hemm dan l-appell li jirrigwarda incident li gara fl-1 ta' Marzu, 2008. Ghalhekk, fuq medda ta' tmien snin dan hu t-tieni kaz li ghandu l-appellant. Illum, l-appellant qed jahdem bi profitt u mix-xhieda ta' l-imghallem tieghu johrog messagg pozittiv li dina l-Qorti ma tistax ma tiehdux in konsiderazzjoni. Jekk verament irridu r-riforma ta' bniedem li hu mahkuma mill-vizzju tad-droga t-triq li tghaddi mill-habs ma tizra ebda riforma fih. Irridu nkunu ta' idejat wiesghin u nghinu, f'dan il-kaz lill-appellant, biex dawn in-nies jistghu jiehdu posthom fissocjeta' u ma jigux konsiderati bhala theddida lis-socjeta'. Dan li qed jinghad diga' ntqal minn din il-Qorti diversament presjeduta meta ndikat 'a window of opportunity'. L-appellant sabha fix-xoghol. Din il Qorti tittama li l-fiducja li qed taghti lillappellant jissarraf pozittivament.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell tal-appellant Terry Graham u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, din il-Qorti thassar u

> tirrevoka l-piena erogata minn din il-Qorti fejn ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' tmintax il-xahar prigunerija u multa ta' elf u mitt euro (€1,100) u minflok wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Inoltre, dan il-kaz jirrisali ghas-sena elfejn u disgha (2009) u cioe ghal iktar minn sitt (6) snin ilu fejn tul dan iz-zmien kollu l-appellant zamm lura mill-ksur tal-ligijiet fejn mghandux kazijiet ohrajn pendenti. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rreteniet illi:

> **it-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma.**

Illi dan kollu qed jinghad ukoll in vista tal-fatt illi fil-Parlament ghadu kemm ghaddha l-Att Numru 1 tas-sena 2015 intitolat ATT biex Jipprovdi għat-Trattament ta' Persuni fil-pussess ta' kwantitajiet żgħar ta' droga projbita għall-użu personali u għal miżuri oħra għar-riabilitazzjoni ta' persuni dipendenti mid-droga liema att jiffoka fuq l-aspett riformattiv aktar milli dak retributtiv ta' kazijiet ta' persuni li jkunu abbuzaw u nqabdu bil-pussess tad-droga fejn l-att jikkontempla penali u multi u mhux prigunerija effettiva fil-kaz ta' pussess ta' sustanzi illeciti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-01 ta' Marzu 2019 li permezz tieghu l-appellant talab lil din il-Qorti tikonverti ruhha f'Qorti dwar id-Drioga fit-termini ta'l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Avukat Generali joggezzjona ghal dina it-talba stante in-nuqqas ta' applikabbilita ta' din il-ligi favur l-appellant u dan peress illi s-sejbien ta' htija kienet akkompanjata bl-aggravanti tad-distanza mahsub fl-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-03 ta' April 2019 fejn l-appell gie differiet ghas-sentenza limitatament fuq l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant dwar l-apprezzament tal-provi u l-applikabbilita' tal-aggravanti tad-distanza ghal akkuza li dwarha instabet il-htija.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija limitata ghall-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant fejn huwa jikkritika l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi li kellha quddiemha u dan meta sabitu hati tal-akkuza tal-pussess aggravat tad-droga erojina bl-aggravanti tad-distanza kif mahsub fl-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex jibqa' jishaq ukoll issa fi stadju ta' revizjoni illi d-droga li instabet fuq il-persuna tieghu mill-pulizija kienet intiza ghall-uzu esklussiv tieghu tenut kont illi huwa ghandu il-vizzju tad-droga. Mhux biss izda jishaq ukoll issa fi stadju ta' revizjoni illi l-aggravanti tad-distanza ma kellux isib applikazzjoni ghal kaz odjern stante illi d-droga instabet fir-residenza tieghu u allura f'post privat fejn ma kien hemm l-ebda riskju ghal persuni vulnerabbli li l-ligi tfittex li tipprotegi meta l-legislatur haseb biex jaghmel ir-reat aktar gravi meta jkun hemm ravvizat tali perikolu.

Issa huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex

tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.[1] Illi l-Qorti ghalhekk ezaminat mill-gdid l-atti sabiex tqies jekk il-konkluzjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha kenitx wahda msejsa fuq il-ligi u ragjonevoli fil-motivazzjonijiet li wassluha sabiex issib lil-appellant hati tar-reat tal-pussess aggravat tad-droga.

Ikkunsidrat,

Jirrizulta mill-atti illi fl-investigazzjonijiet varati mill-pulizija wara l-mewt b'*overdose* ta' Kelly Micallef, li sehhet fid-29 ta' Mejju 2009, is-suspett kien waqa' fuq certu Addie Magri li kien wera x-xewqa li jassisti lill-pulizija u dan billi jikxef il-persuna li kienet qed tissuplixxieħ bid-droga erojina. Infatti Magri kien irrilaxxja stqarrija ġuramentata fejn ikkonferma li kien xtara qartas droga erojina dakinhar stess u li kien ġieli xtara droga mingħand l-appellant fuq medda twila ta' zmien. Wara dina l-informazzjoni l-pulizija wettqu sorveljanza barra r-residenza tal-appellant, meta fil-jum indikat fl-akkuza ġie nnutat ħiereġ mid-dar tiegħu għall-ħabta ta' bejn id-9:30 u l-10 ta' fil-ghodu u gie imwaqqfa u saret tfittxija fuq il-persuna tieghu. F'din it-tfittxija instabu 7 pakketti żgħar tal-plastik bi trab kannella suspettata droga flimkien ma' kapsula ohra tal-plastik mimlija droga, apparti €50 fi flus kontanti u *mobile phone*. Sussegwentement matul tfittxija fir-residenza tal-appellant il-pulizija sabulu wkoll oġġetti li huma ġeneralment attribwiti

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

mal-uzu u/jew mal-abbuż jew l-ispaċċ tad-droga, fosthom miżien diġitali li ġie ndikat lill-pulizija mill-appellant stess, pipa użata u maħruqa, qratas bil-kantunieri maqtugħin, *foil* bi traċċi maħruqa u *pouch* iswed li kien fih siringa u *mobile phone*. L-appellant ma wieġeb għall-ebda domanda li saritlu matul l-interrogatorju tal-Pulizija. Illi l-espert nominat mill-qorti l-ispizjar Mario Mifsud jikkonkludi illi instabet *mechanical fit* mas-sustanza erojina fuq biċċa *foil* u 4 biċċiet tal-*foil* oħra rrumblati, fuq il-miżien elettroniku u fuq l-imgħarfa dokumentati. Il-piz tad-droga erojina misjuba fuq il-persuna tal-appellant meta gie arrestat kien tammonta ghal 9.44gramma b'kollox b'purita' ta' 43.5%, liema ammont kien imqassam f'ammonti żgħar f'diversi qratas.[2]

Issa l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu marbuta mar-reat ta' traffikar ta' droga u dan peress illi qieset li x-xhieda ta' Addie Magri ma kenitx waħda attendibbli billi kienet mimlija kontradizzjonijiet. Madanakollu l-appellant gie misjub hati tar-reat tal-pussess aggravat tad-droga erojina billi fil-fehma taghha c-cirkostanzi li fiha instabet id-droga u il-piz ta'l-istess kienu indikattivi li din ma kenitx ghall-użu personali jew ghall-użu esklussiv tiegħu u dan anki fid-dawl tal-linji gwida imfassla fil-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa fir-rigward tal-aggravanti tad-distanza ta' mitt metru, l-Ewwel Qorti għamlet referenza għal verbal tad-difiza fejn kien hemm qbil li r-residenza tal-appellant tinstab f'din id-distanza u dan sabiex jeżentaw il-ħatra ta' espert għal dan il-fini. Konsegwentement anki din ġiet ikkonfermata fis-sentenza appellata.

Ikkunsidrat:

Illi fl-appell minnu intentat l-appellant jishaq illi l-ammont ta' droga li instabet fuqu mill-pulizija kienet intiza ghall-użu esklussiv tieghu tant illi huwa kien jaqsam id-droga li kien

---

[2] Ara r-rapport ta' l-Ispizjar Mario Mifsud senjatament folio 5 u 6 tal-istess rapport a folio 58 tal-atti proċesswali, fejn l-ammonti li nstabu fil-pakketti kienu jvarjaw minn xulxin.

jakkwista f'dozi izghar sabiex meta jikkunsmaha ma jkunx hemm il-periklu li jiehu iz-zejjed u ghalhekk jispicca vittma ta' xi *overdose*. Jinsisti illi huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li jispacca din id-droga, iktar u iktar peress li fi żmien mertu tal-każ huwa kien jabbuża mid-droga konsiderevolment. Ma jaqbilx mal-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti allura li l-*quantum* tad-droga misjuba kien xi wieħed eċċessiv.

Issa f'dan l-istadju ta' revizjoni, l-appellant qiegħed jikkontesta wkoll l-applikabbilita' tal-aggravvanti tad-distanza tal-mitt metru u dan ghaliex ighid illi kien qiegħed id-dar meta ġie interċettat. Jishaq illi mill-ġeografija ta' pajjizna huwa faċli li persuna tirresjedi ġewwa dar li tkun viċin ta' skola jew post ieħor iffrekwentat miż-żagħżagħ, liema ċirkostanza m'għandiex twassal awtomatikament għall-applikazzjoni tal-aggravanti in kwistjoni.

L-appellant, allura jikkontendi illi ghalkemm huwa minnu illi din id-distanza tirrizulta, madanakollu ma kellux jigi applikat l-aggravanti ghar-reat li dwaru hu gie misjub hati gjaldarba id-droga instabet fir-residenza privata tieghu u allura ma kienx hemm ebda periklu ghal nies vulnerabbli li kienu fil-hsieb tal-legislatur. L-appellant qed jinsisti fuq dan l-aggravju 'gdid', billi huwa ressaq it-talba sabiex din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti dwar id-Droga fit-termini tal-artikolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ligi madanakollu tippreklud ieh milli jibbenfika mill-mekkanizmu hemmhekk mahsub jekk l-aggravanti tad-distanza tkun tirrizulta ippruvata.

Illi wara li din il-Qorti fliet l-atti kollha inkluż id-dokumenti ippreżentati u d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha, jirrizulta illi l-ewwel u qabel kollox l-appellant gie intercettat mill-pulizija bid-droga fuq il-persuna tieghu mhux gewwa r-residenza tieghu, kif jallega hu, izda barra din ir-residenza meta f'dak il-mument l-appellant kien ghadu kemm hareg minn daru. Mhux biss izda kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti ghalkemm l-ammont wahdu mhuwiex indikattiv li dik id-droga ma kenitx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat, madanakollu il-mod kif giet misjuba dik id-droga fuq il-persuna tal-appellant maqsuma bil-lest f'seba pakketti ta' pizijiet differenti hija indikattiva li din ma kenitx

intiza biex l-appellant jaghmel uzu minnha hu biss. Mhux biss izda meta l-appellant twaqqaf mill-pulizija hu kien għadu kif ħareġ mir-residenza tiegħu għall-ħabta tad-9:30 ta' fil-ghodu[3] b'dawn il-pakketti kollha tad-droga fuq il-persuna tieghu, fatt li certament jindika, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, illi dan ma kienx ser jaghmel uzu minn din il-kwantita kollha ta' droga wahdu f'dik l-ghodwa. Illi anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha taccetta dak li jistqarr l-appellant illi huwa kien qasam id-droga f'dozi izghar sabiex ma jkunx hemm ir-riskju li jiehu xi *overdose*, dan certament ma jistax jaghmel sens meta il-pakketti li instabu fuqu kollha kienu ta' pizijiet differenti. Meta wieħed jifli r-rapport tal-ispizjar Mario Mifsud, jara li dawn l-ammonti kienu maqsuma f' 4.87g fil-kapsula u ammonti li jvarjaw bejn 0.28g u 0.94g fil-qratas. In oltre, instab ukoll fuq l-appellant u matul l-istess tfittxija flus fl-ammont ta' €50 kontanti f'denominazzjonijiet ta' €10, kif ukoll telefon ċellulari tal-għamla Samsung.

Kwindi l-ammonti tal-erojina fil-qratas u fil-kapsula ma kienux identiċi u allavolja l-*quantum* tad-droga kien taħt l-għaxar grammi din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, ssibha kemmxejn diffiċli tifhem u temmen kif l-appellant kellu għalfejn joħroġ mid-dar tiegħu b'dawk il-qratas kollha u b'ammonti li xi ftit jew wisq varjaw jekk dawk kienu kollha intenzjonati għalih, minflok ma zamm dik il-kwantita ta' droga d-dar u hareg mieghu biss dak l-ammont li kellu bzonn jikkonsma f'dak il-jum. Dawn iċ-ċirkostanzi mehuda kollha flimkien jindikaw preparamenti minn qabel ta' ammonti differenti kif x'aktarx mitluba mill-klijenti prospettivi tal-appellant. In oltre meta l-pulizija daħħlu fil-propjeta' tal-appellant u kkonduċew tfittxija, sabu diversi oġġetti oħra li huma attribwibbli kemm mal-użu kif ukoll mat-tqassim tad-droga u dawn, magħduda flimkien maċ-ċirkostanzi li fihom l-appellant instab fil-pussess tad-droga, jkomplu jsaħħu l-istampa tal-pussess aggravat. Fuq kollox:

> **'F'kaz ta' pussess ta' droga f'cirkostanzi tali li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv ta' persuna, il-posizzjoni legali hija cara; il-Qorti trid tkun sodisfatta**

---

[3] Xhieda tal-ispettur Johann Fenech a folio 39 et seq tal-atti proċesswali u datata d-19 ta' Ġunju 2009. Ara wkoll ix-xhieda ta' PS1174 Adrian Sciberras (folio 45), WPC237 Antonella Vella u PC213 Nicolai Borg (folio 64).

**lil hinn minn kull dubbju ddettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed'.**[4]

Finalment ghalkemm l-appellant jikkontendi illi d-droga misjuba fuqu kienet ghall-uzu esklussiv tieghu, madanakollu ma iressaqx l-icken prova sabiex jindika kemm kienet qawwija id-dipendenza tieghu fuq id-droga, x'tip ta' droga kien jikkonsma u f'liema kwantita'.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u allura stabbilit illi ir-reat tal-pussess tad-droga jirrizulta li kien wiehed aggravat u ghalhekk mhux ghall-uzu esklussiv tal-appellant, jifdal biex jigi determinat l-applikabbilita o meno tal-aggravanti mahsuba fl-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa din il-Qorti tistqarr li tinsab perplessa kif l-appellant qieghed issa jikkontesta dan l-aggravanti meta quddiem l-Ewwel Qorti dan ma kienx ikkontestat tant illi fis-sentenza appellata issir referenza għal verbal li sar ghal darba darbtejn, u dan kemm fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2009, kif ukoll f'dik tal-05 ta' Frar 2010, meta gie koncess mill-bank tad-difiza illi r-residenza tal-appellant u allura il-post fejn gie intercettat mill-pulizija jinsab fil-parametru ta' mitt metru 'il boghod minn skola.

Illi kif inghad  l-provi prodotti, senjatament ix-xiehda tal-pulizija involuti fl-istharrig ta' dan il-kaz[5], jindikaw illi l-appellant kien laħaq ħareġ mir-residenza tiegħu meta filfatt ġie interċettat u arrestat u saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu fejn instabitlu din is-sustanza mqassma kif indikat.  Dawn ic-cirkostanzi allura imorru lil hinn mill-gurisprudenza li jaghmel referenza ghaliha l-abbli difensur tal-appellant fejn fost ohrajn jiccita d-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Adrian Marmara

---

[4] Pulizija vs Carmel Degiorgio deċiża nhar is-26 ta' Awwissu 1998 App. Inf..

[5] PS1174 Adrian Sciberras (folio 45), WPC237 Antonella Vella u PC213 Nicolai Borg (folio 64).

deciza fl-14 ta' Dicembru 2017. Il-fattispecje f'dak il-kaz kienu jirreferu ghal koltivazzjoni ta' pjanta tal-kannabis f'residenza privata fejn gie stabbilit minn dik il-qorti illi din il-koltivazzjoni kienet ghall-uzu personali tal-hati, sabiex b'hekk l-periklu li l-ligi tfittex biex tissanzjona ma kienx jezisti. F'dan il-kaz ma jistax jinghad l-istess. L-appellant kien hiereg mid-dar u ghalhekk kien qieghed bi hsiebu jipprocedi f'dik iz-zona tal-mitt metru fejn kienet tinsab skola frekwentata minn tfal u zghazagh b'dozi ta' droga erojina fuq il-persuna tieghu, lesti biex jigu traffikati. Illi allura id-difiza ma ghandhiex ragun meta tghid illi dina l-attivita' ta' pussess ta' droga sehhet fir-residenza tieghu u allura f'post privat.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant marbut mal-apprezzament tal-provi u mal-aggravanti tad-distanza kif mahsub fl-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkonferma s-sentenza appellata fil-mertu.

Tordna il-prosegwiment tas-smiegh tal-appell fuq l-aggravju li fadal marbuta mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Jocye Agius

Deputat Registratur